VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,918, 12 ta' Diċembru, 2017
Taqsima B

A.L. 359 tal-2017

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

Ordni tal-2017 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10(3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, il-Ministru għas-Saħħa għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2017 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ewwel Skeda".

Kap. 101.

Jemenda l-Ewwel Skeda.

2. It-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza Prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-partita "ACETORPHINE", għandha tiżdied il-partita "ACETYLFENTANYL, (N-(1-phenethylpiperidin-4-yl)-N-phenylacetamide)"; u

(b) minnufih wara l-partita "MORPHINE-N-OXIDE" għandha tiżdied il-partita "MT-45, (1-cyclohexyl-4-(1,2-diphenylethyl) piperazine)".